# Il-Qniepen
# ta’
# Notre Dame

**adattament minn**

***Trevor Zahra***

**tal-film animat**

***The Hunchback of Notre-Dame***

**ibbazat fuq ir-rumanz**

***Notre-Dame de Paris***

**ta’ Victor Hugo**

**----------------------------------------------------------------------------------------**

Jiehdu sehem:

QUASIMODO

FROLLO

ESMERALDA

FIBUS

KLOPEN

*TLIET GARGOYLES:* LAVERNE, VICTOR, HUGO

SULDATI

ZINGARI

FOLLA

--------------------------------------------------------------------------

***XENA 1***

Il-pjazza ta' Notre-Dame

## Kanzunetta - 1

**Il-Qniepen ta' Notre Dame**

*(The Bells of Notre Dame)*

KOR: Jisbah f'Parigi u l-belt kollha tqum

Tisma' l-qniepen f' Notre Dame,

Jahmi l-furnar, jahdmu n-nisa tad-dar

Qalb id-daqq ta' Notre Dame!

Waqt li l-qniepen il-kbar b'hoss ta' raghda,

Waqt li l-qniepen iz-zghar bhal kristall;

Kulhadd jaf li l-qalb tal-belt biss tinsab

F'dan id-daqq....

Tal-qniepen f' Notre Dame.

***Waqt li l-muzika tibqa' ghaddejja:***

KLOPEN: Qed tisimghuhom il-qniepen? Dawk ma jdoqqux wahidhom tafux. Hemm fuq... wahdu, wahdu jghix bniedem stramb...

TIFLA 2: Ommi tghid li hu mostru!

TIFLA 3: Wiccu ta' annimal!

KLOPEN: Jghix biss mal-qniepen. Dejjem idoqq u jdoqq u bid-daqq tieghu jkellem lill-belt kollha.

TIFLA 1 Imma tassew huwa mostru?:

KLOPEN: Tibzghux... Klopen jaf il-grajja kollha... mill-bidu nett:

***Tkompli l-kanzunetta:***

KLOPEN: Kien lejl mudlam meta dil-grajja bdiet

Fuq il-moll qrib Notre Dame,

Zingari mbezzgha intlemhu resqin

Lejn il-moll, qrib Notre Dame;

Imsejknin xejn ma kienu qed jobsru

Li xi hadd kien qed jghasses vicin,

Resqet figura ta' qilla bla qies

KOR: Minn god-dlam...

Id-dlam taht Notre Dame.

***Waqt li l-muzika tibqa' ghaddejja:***

KLOPEN: Figura ta' qilla: hadd hlief l-Imhallef Klawdu Frollo, bniedem bla qalb li kien dejjem hsiebu biex isaffi l-belt mid-dnub; imma qatt ma ta kas jibda minnu mmifsu.

Malli lemah liz-Zingari baghat lis-suldati jahtfuhom. Imma z-Zingari grew b'kemm sahha kellhom, il-mara thaddan sorra ckejkna ma' sidirha. Sa fl-ahhar l-imhallef irnexxielu jahtfilha s-sorra minn idha u fil-fixla l-imsejkna mara waqghet go l-ilma ffrizat tax-xmara u gherqet.

FOLLA: U x'kien hemm f'dik is-sorra?

FROLLO Ahhh... tarbija! Mostru!

FOLLA: Mostru?

***Tkompli l-kanzunetta:***

KOR: Hares daqsxejn lejn id-demm li xerridt

Mat-targiet ta' Notre Dame!

Intix demm safi ma' dnubek se zzid?

Mat-targiet ta' Notre Dame;

Bik innifsek, tibzax, tista' tqarraq,

Anki n-nies jistghu jaslu jemmnuk;

'Mma d-delitt li wettaqt m'inti qatt se tahbih

Mill-ghajnejn...

Mill-ghajnejn ta' Notre Dame!

***Waqt li l-muzika tibqa' ghaddejja:***

KLOPEN: Frollo ga kien se jeqred lit-tarbija wkoll... imma ghall-ewwel darba f'hajtu Frollo ftakar f'ruhu u fin-nirien ta' l-Infern.

FROLLO: Wara kollox... dan id-daqsxejn ta' mostru, ghandu mnejn xi draba jkun jista' jservini u jiswieli ta' gid. Inhallih hemm fuq... fil-kampnar imwarrab minn kulhadd! Ghal dejjem!

***Tkompli l-kanzunetta:***

KLOPEN: "Hawn dal-misteru jekk tistghu ssolvuh!"

KOR: Jghidu l-qniepen f'Notre Dame,

KLOPEN: "Jekk dan hux mostru jew bniedem tassew?"

KOR: Jghidu l-qnie-pen, qnie-pen, qnie-pen, qnie-pen

Qnie-pen f'Notre Dame!

---

# *XENA 2*

## Gol-Kampnar

***Daqq ta' qniepen li wara ftit jitallat mat-tpespis t'ghasfur. Quasimodo jersaq lejn rokna tal-kampnar u jibda jkellem lil ghasfur go bejta.***

QUASI L-ghodwa t-tajba ckejken. Eh... milli qed nara gwenhajk kibru gmielhom u llum donnok qed tahseb biex ittir. Xi tghid eh? Illum hija gurnata ideali biex taghmel l-ewwel titjira tieghek ghax illum fil-belt hawn festa kbira... il-karnival. Ejja ckejken.. daqsxejn kuragg... isa! Wiehed, tnejn, tlieta. Bravu. *(qalbu sewda)*. Mur u ttajjar. Hadd ma jrid jibqa' msakkar hawn fuq ghomru kollu.

***Jersqu t-tlieta Gargoyles***

LAVERNE L-ghodwa t-tajba

VICTOR Bon Jour

HUGO Mon ami!

LAVERNE Ha-ha... Quasimondo... l-isbah jum tas-sena! Il-Karnival.

VICTOR In-nies jiffullaw...

HUGO Irossu fuq xulxin

LAVERNE Kulhadd jimbotta biex jipprova jara xi haga.

VICTOR U ahna bil-kumdita' kollha naraw kollox minn hawn fuq.

QUASI Minn hawn fuq!

HUGO Gallerija. Postijiet riserati biss ghall-VIPs!

VICTOR U nkunu nistghu naraw kollox.

QUASI Naraw biss!  (jidhol 'l gewwa)

LAVERNE *(lil Victor)* Xi gralu? Zgur int ghaddejtlu xi kumment zejjed!

VICTOR Jien???  Jien ghidtlu biss:  "U nkunu nistghu naraw kollox!"

HUGO Forsi llum qam daqsxejn ma jiflahx.  Dak mhux tal-gebel bhalna! *(jigru lejn Quasi)*  Hej-hej-hej.. xi gralek dal-ghodu.  Ma tridx noqoghdu naraw il-Karnival flimkien???

LAVERNE Il-festa tal-boloh.

VICTOR Soltu tghidilna li dan hu l-Jum li l-aktar tkun tistenna.

QUASI Le, le... m'ghandi xejn.  Semplicement illum m'ghandix aptit nara l-Karnival.  *(Kwazi qed jitkellem wahdu)* Dejjem inhares minn hawn fuq.  Nosserva biss.  Niccassa.

LAVERNE *(lil shabhu, aside)*  Mela dik hi kollha. *(Tersaq lejn Quasi)*  Isma' wara kollox... inti x'hemm xi jzommok li ma tinzilx ftit sal-pjazza u tithallat man-nies.

QUASI Min?  Jien???

VICTOR Mela min?  Toqghod tiggerra u tithallat maghhom.

HUGO Tara l-banda ghaddejja.

LAVERNE U tara z-zingari jizfnu eh...

VICTOR Ahna jkollna bil-fors nibqghu hawn ghax ahna parti mill-bini. Imma int... min hu sidek?

QUASI *(aktar qalbu sewda)* Min hu sidi? Le... ma jistax ikun... Sidi ma jridnix.

LAVERNE *(aside lil Victor)* Qed tara kemm ghandek ilsienek twil! Ghax ghidtlu "Min hu sidek?"

QUASI M'ghandix permess ninzel minn hawn fuq. Hekk geghelni nwieghdu.

HUGO Imma jekk tixhet mantell fuq rasek hadd ma se jaghrfek.

VICTOR Lanqas sidek...

---

## *XENA 3*

## L-istess post

**JIDHOL FROLLO**

FROLLO Smajtek titkellem ma' xi hadd.

QUASI Kultant inhobb nitkellem wahdi.

FROLLO Bravu. Wahdek ma jmerik hadd. Ma jweggghek hadd! Hekk irridek jiena. Kif thossok dal-ghodu? Qed narak ftit.... imhasseb.

QUASI Le... le... inhossni tajjeb hafna, ja sidi.

FROLLO Prosit. Jien gejt nara x'ghadek tiftakar mil-lezzjoni li kellna d-darba l-ohra. Isa ha nara. Fiex tfakkrek l-ittra "A"?

QUASI Alla!

FROLLO Bravu. L-ittra "B"

QUASI Barka.

FROLLO "C"

QUASI Cahda.

FROLLO "D"

QUASI Dnub.

FROLLO Bravu. Tafhom sewwa l-ittri wara xulxin. Ha nara tafhom imqabbzin. "T"?

QUASI Tentazzjoni!

FROLLO “M”

QUASI Mewt.

FROLLO “K”

QUASI Karnival!

FROLLO X’inhu!!!! Karnival??? Mela dik hi kollha. Jien mill-ewwel intbaht li llum mohhok mhux hawn. U kont qed tippjana biex tmur il-Karnival.... hux tassew?

QUASI Le, le ja sidi... ahfirli.

FROLLO Hemm barra m’ghandekx xi tridu. Mindu ommok kienet hekk bla qalb li abbandunatek ghax ratek li inti... mintix bhall-ohrajn.... kont jien li rabbejtek u gibtek hawn ghall-kenn. Hawn fuq biss tista’ tkun mohhok mistrieh.

# Kanzunetta - 2

### Man-Nies

*(Out There)*

FROLLO Id-dinja kiefra

Id-dinja mhassra

Minn barra lili tafda 'l hadd go din il-belt,

Habibek jiena biss,

Jien hadt hsiebek, tmajtek u haristek

Jiena nhares lejk bla biza’ xejn.

Izda kif nipprotegik

Jekk inti

Ma tibqax hawn mieghi...

Go dan il-post.

FROLLO Int sfigurat

QUASI *Jien sfigurat,*

FROLLO Int tal-biza’,

QUASI *Jien tal-biza’*

FROLLO Dawn htijiet kbar li d-dinja xejn ma thenn ghalihom,

Dan inti ma tifhmux,

QUASI *Int biss tiddefendini,*

FROLLO In-nies t’hemm iharsu lejk bhal mostru

QUASI *Jiena mostru*

FROLLO In-nies t’hemm jiddiehku bik kull hin,

QUASI *Jien biss mostru*

FROLLO Taghtihomx ic-cans juruk din il-kefrija

Ibq’ hawn gew

Kun fidil

QUASI *Fidil*

FROLLO Kun grat lejja

QUASI *Jien grat*

FROLLO Tittradinix,

Obdi

Ibq' ghix hawn gew

QUASI *Jien nghix hawn gew!*

***- - - - - - - muzika - - - - - -***

QUASI Mohbi wara dawn it-twieqi u l-hitan hoxnin,

Tahti nara n-nies fil-hidma taghhom,

Hajti kollh'ghaddejt nosserva kollox minn hawn fuq,

Bla ma nista' qatt nissieheb maghhom;

Naghraf l-ucuh taghhom ferrihija

Imma huma bil-kemm jafu bija.

Hajti kollha nahseb kieku nqatta' mqar biss jum,

Fil-belt kollha

Qalb il-folla!

KOR Nghix man-nies

Nimxi fit-triqat,

Imqar jum biss wiehed

Nisma' ftit l-ghajat

Bil-qalb nitkellem

Man-nies

Fejn qed jghixu,

W ma jafux

B'dax-xewqat

Ta' bla qies

Li nghix imqar jum

Man-nies!

QUASI Hemmhekk qalb il-furnara u n-nissiega u t-tfal zghar,

Minn hawn fuq gol-btiehi wkoll nilmahhom,

Dejjem sejra biezla bla waqfien mix-xoghol ghad-dar,

Ma jafux xi gmiel dil-hajja taghhom.

Li kieku kont hemm jien

Kont nghannaq kull minuta

KOR Man-nies

Hemm max-xatt tas-Seine,

Induq ftit il-ghodwa

Bhal wiehed minn dawk t'hemm

Li nies ma' nies qed jghixu;

Jum biss, imbaghad zgur

Inkun tassew ferhan,

Li nkun qtajt

Dax-xewqat,

Qghadt indur

Fit-triqat,

X'ferh bla qies

Meta nkun,

Ghext Jum

Man-nies!

---

## *XENA 4*

## Fil-Pjazza - Karnival

***Muzika (jistghu jkunu l-ewwel battuti ta' TOPSY-TURVY). Xi nies qed jippreparaw ghall-Festa. Suldati. Ma' tmiem il-muzika jidhol FIBUS u jersaq lejn is-suldati.***

FIBUS *(lis-suldati)* Araw li l-ordni tinzamm bil-kwiet u bil-galbu kollu.

SULDAT-1 Iva Kaptan, ninsabu mqasmin mal-pjazza kollha, kif ghidtilna inti.

FIBUS Nittama li dal-Karnival jghaddi b'wicc il-gid.

SULDAT-2 Halli f'idejna kaptan. Jekk xi hadd minn daz-zingari jazzarda jitkessah izzejjed, b'rasu jdur.

FIBUS Ara ma rridx inkwiet bla bzonn. Din hija l-festa taghhom u sakemm kollox jimxi skond il-ligi, inhalluhom jiddevertu kemm iridu. Issa morru fuq il-posta taghkom.

SULDATI Iva Kaptan.

***SULDATI jitilqu jew iwarrbu fil-genb.***

***MUZIKA - Esmeralda tibda tizfen u FIBUS jersaq lejha***

FIBUS *(Ihares lejha b'ammirazzjoni. Bi tbissima jhares lejn il-plattina bil-flus li jkollha fl-art)* Dan kif qed tigbor il-flus talli tizfen... ma tafx li jrid ikollok permess?

ESMERALDA Jien ma qed nitlob xejn lil hadd. Semplicement hawn hafna li japprezzawni u jafu juru dan l-apprezzament taghhom bil-fatti.

FIBUS Mela allura dawn il-flus mhumiex tieghek u nista' nohodhom.

ESMERALDA Ipprova midd idejk fuqhom u naqsamlek rasek!

FIBUS *(Jidhak)* Sewwa jghidu li anki t-tfajliet Zingari huma spirituzi. *(b'zuffjett u bic-cajt)* Ma tafx li jien il-Kap il-gdid ta' l-ghassiesa tal-Belt u nista' narrestak?

ESMERALDA Inti minti kap ta' xejn ghax ikollok taghmel biss dak li jorndnalek Sidek.. L-Imhallef Klawdju Frollo.

FIBUS Dak huwa l-qofol tas-servizz... li nobdu l-ordnijiet minghajr ma nistaqsu.

ESMERALDA Tassew?! Qed tara hux x'kaptan fik... lanqas ghandek biss liberta' li thaddem mohhok.

***FANFARRA. Jidhlu aktar suldati jakkumpanjaw lil FROLLO***

FROLLO *(lil Fibus)* Nittama li kollox taht il-kontroll assolut.

FIBUS Thabbel rasek xejn Eccellenza. Dawn iz-Zingari mhuma se jaqilghulna l-ebda nkwiet. Ftit divertiment u xejn aktar.

FROLLO Hmmm.. Inti ghadek gdid fil-belt u lil dawn in-nies ma tafhomx. Aghar mill-grieden li jgorru l-pesta. Sriep velenuzi. Ejjew... ha nfittxu nehilsuha. Aghti bidu ghal din il-feta tal-bluha... ghall-karnival.

# Kanzunetta - 3

## Jum il-Karnival

*(Topsy-Turvy)*

KOR Ejjew... ejjew

Hallu l-pala u l-mohriet,

Hallu z-zwiemel u l-merhliet,

Ejjew, ejjew,

Illum nifthu bieb l-infern,

Thallu jzommkom l-ebda mpenn,

Illum huwa l-Jum tal-...

KLOPEN Genn....

Waslet il-festa taghna, l-isbah jum,

Kull sena din il-belt mir-raqda tqum,

Kulhadd sultan u kull sultan mignun,

Wasal il-Jum tal-Karnival!

Illum ix-xjaten jisfaw mehlusin,

Illum jitkexkxu anki l-qaddisin,

Illum nitbellhu lkoll ghax jum il-Karnival!

| | |
|---|---|
| KOR | Jum il-Bluha! |
| KLOPEN | Kulhadd jaqbez, kulhadd joghla, |
| KOR | Jum il-Bluha! |
| KLOPEN | Kollox jaghmel gabirjola, |
| | Kollox bluha x-xjuh isiru tfal |
| | Kollox genn ghal Jum il-Karnival! |

- - - - - - - ***muzika*** - - - - - -

| | |
|---|---|
| KOR + KLOPEN | Aqbez w ghola, |
| KLOPEN | Doqqu t-tnabar u t-trumbetti, |
| KOR + KLOPEN | Gabirjola, |
| | Gibu platti w klarinetti, |
| | Lejn il-belt resqin il-kbar u z-zghar, |
| KLOPEN | Dil-gurnata se ngawduha |
| | Storbju, kant u genn u bluha, |
| KOR + KLOPEN | Ghax illum hu jum u-Karnival.... |

KLOPEN Ejjew!  Ejjjew!

Ersqu, ersqu u ffullaw

Dan hu l-waqt sabiex taraw!

Ejjew!  Ejjew!

Osservaw diz-zifna sew,

Harsu ftit jekk hux tassew!

Esmeralda oh xi... hlew!

***Waqt il- muzika ESMERALDA tohrog tizfen***

KLOPEN Dan hu l-waqt li konna qeghdin nippjanaw,

Dan hu l-hin met'gherfna kollu napplikaw,

Ghax illum sultan sejrin ninkurunaw,

Sutan gdid tal-bluha u tal-genn.

Ej' aghmlu wicckom ikrah daqs ta' mitt xitan

Wicc mostruz li jkun tal-biza' daqs id-dlam,

L-aktar wicc ta' wahx u kruha llum se jkun sultan!

KOR Jum il-Bluha

KLOPEN Ejjew  nehhu kull misthija

KOR Jum il-Bluha!

KLOPEN Tistghu anki tidhku bija.

KOR Aghmlu wicckom ikrah daqs ta' baghal

Ghax illum hu Jum il-karnival!

*Waqt  il-Muzika tal-kanzunetta:*

***Johorgu tlieta jew erba' maskarati biex in-nies jivvutawlhom, imma kull darba l-folla tghidilhom "Buuu". Fl-ahhar jitfacca QUASIMODO. Malli tarah il-folla tinfexx iccapcap.***

KLOPEN — Sinjuri... illum wicc Parigi se jkollu l-aqwa wicc li qatt deher ghax se jkun wicc il-kruha.

***FOLLA tidhak u toghxa.***

KLOPEN — Ghiduli intom sinjuri gentlomi Parigini, qattx rajtu wicc bhal dan: perfett fil-mostrozita' tieghu, stupend fit-tghaffig, artistiku fil-karikatura... il-wicc li llum Parigi kollha se toghxa warajh!

FOLLA-1 — Dak Quasimodo... id-daqqâq tal-qniepen.

FOLLA-2 — Il-mostru!

FOLLA-3 — Iva Quasimodo!

FROLLO — *(mill-boghod... ixxukkjat, imma qed donnu qed jitkellem wahdu)* Quasimodo!!!!

KLOPEN — Le, Sinjuri... x'intom tghidu?! Ghandkom zball. Dan illum huwa s-Sultan taghna! Is-Sultan tal-Karnival!

***Tkompli l-Kanzunetta***

KOR Darba f'sena jkollna festa mill-kbar nett

KLOPEN *Sliem ja sultan*

Darba f'sena jkollna Sultan gdid elett,

KLOPEN *Sliem ja sultan*

KOR Darba f'sena l-kruha ssib ukoll rigal!

KLOPEN *Sliem ja sultan*

KOR Darba f'sena f'Jum il-Karnival!

KOR + KLOPEN Ghax illum bil-fors li l-aktar niehdu gost

Meta twettqu dak kollu li mhux suppost

Darba f'sena l-belt tkun taghna

Meta n-nies titbellah maghna,

Meta l-piz jehfief minflok jitqal,

Naghzlu sultan li jtina l-genn tal-Karnival!

---

***Ma tmiem il-kanzunetta l-folla tinfexx tissotta lil QUASI, idawruh bil-hbula u kulhadd jghaddi z-zmien bih. Ma' tmiem il-kanzunetta ESMERALDA titla' hdejn QUASIMODO u tindirizza l-folla:***

ESMERALDA Isktu! Dan hu d-divertiment taghkom? Imisskom tisthu! *(iddur fuq QUASIMODO u bil-hlewwa tghidlu)* Jiddispjacini li gabu ruhhom hekk hazin mieghek. Nitolbok skuza f'isimhom.*(tkun se thollu l-hbula li jkun indawar bihom, imma minnufih iqum FROLLO minn postu).*

FROLLO Ieqfu hemm. Quasimodo, inti ksirt kelmti u ttradejtni. Issa se jkollok tibqa' marbut hemm il-jum kollu bhala penitenza ghal dnubietek.

ESMERALDA *(Lil FROLLO)* Int tghid li inti mhallef? X'gustizzja hi din tieghek li tikkastiga lil vittma? *(tkompli tholl il-hbula)*

FROLLO Zingara arroganti. Ma nippermettilekx tindahal fil-Haqq tieghi. Nordnalek thallih marbut hemm fejn hu.

ESMERALDA Tordnali?? Ma tistax tordnali nkun kiefra ma' min jehtieg l-ghajnuna. *(lill-folla)* Hbieb, qed ninduna li ghamilna zball meta nkurunajna lil Quasimod bhala s-sultan tal-Boloh, ghax l-akbar iblah tal-belt huwa dak! *(tixhitlu l-kuruna)*

FROLLO *(B'rabja kbira fuqu)* Kaptan. Arrestahom it-tnejn.

FIBUS Eccellenza.. dik ghadha daqsxejn ta' tfajla. Ma tafx x'inhi tghid.

FROLLO Kaptan. Ga ghidtlek li inti lil dan-nies ghadek ma tafhomx. Qed nghidlek fittex arrestahom.

ESMERALDA L-ahwa.. ma nhallu lil hadd itellifna l-Karnival taghna!

***Konfuzjoni ta' dwal, Sound Effects u giri ta' suldati. Waqt dan kollu, il-platforms jitpoggew f'posthom.***

***BLACK OUT***

---

## *XENA 5*

## Fil-Kampnar

***QUASIMODO mrekken qalbu sewda. Gargoyles madwaru*.**

LAVERNE — U isa Quasi, kull ma gara ma kienx tort tieghek... ahna rajna kollox minn hawn fuq.

VICTOR — Ha-ha... u l-kbir Imhallef Frollo jaqa' ghac-cajt quddiem kulhadd.

HUGO — Frollo... jigi sfidat minn daqsxejn ta' zingara.

QUASI — Tort tieghi... mela ta' min? Jien hawn posti... hawn fuq. Hemm barra mhemmx hlief kefrija. Sewwa kien jghidli sidi... u jien ksirt kelmtu.

LAVERNE — U issa hallik minn dal-hsibijiet...

VICTOR — Mela nsejt li lilek il-folla ghazlitek sultan ghax int ghandek l-aktar wicc ikrah go Parigi kollha.

QUASI — Mostru!!! *(idur dahru lejhom)*

LAVERNE — *(lil Victor)* Qed tara x'ghamilt... ergajt fattartha. Dak ghax ghidtlu li ghandu l-aktar wicc ikrah????

VICTOR — Heqq... ippruvajt nghinu japprezza t-talenti li ghandu.

***JIDHOL FIBUS***

FIBUS Hawn int... sibtek sa fl-ahhar.

QUASI *(iqum irabjat u jahtaf bicca njama f'idu)* Ma tistax tarrestani lili... jiena ninsab fis-santwarju. Santwarju! Santwarju!

FIBUS Iskot u tghajjatx. Min qallek li gejt narrestak?

QUASI Dazgur. Int taf taghmel biss dak kollu li jordnalek l-Imhallef Frollo. Harbattulhom il-Karnival kollu. Imma hawn fuqu ninsabu jien u int biss.

FIBUS Iskot f'gieh is-sema u ismaghni sewwa. Taf xejn Esmeralda fejn marret?

QUASI Esmeralda??

FIBUS Eh.. Esmeralda.. dik it-tfajla zingara li hennet ghalik.

QUASI Ma nafx. U lanqas kieku naf ma kont se nghidlek.

FIBUS Frollo qed jaqleb il-belt kollha ta' taht fuq ifittixha. Halef li bis-sewwa jew bid-dnewwa jahtafha taht idejh. U milli qed nara meta Frollo jdahhal xi haga f'rasu ma jistriehx qabel iwettaqha.

QUASI Dazgur... bil-ghajnuna ta' xi Kaptan *qalbieni* bhalek.

FIBUS Jiena l-Kaptan tieghu.. tassew.. imma minix fi hsiebni nwettaq il-hruxijiet li johlom bihom. Lil Esmeralda jehtieg insalvawha.

Quasimodo, ftakar li hi ma bezghetx tigi tghinek quddiem kulhadd. Issa ghandna bzonn l-ghajnuna tieghek.

QUASI Kif!? Int lest li tghinha?

FIBUS Jien u inti flimkien.

QUASI Ghidli x’nista’ naghmel.

FIBUS Ara, jien se nipprova nsibha qabel ma jsibha Frollo. Malli nsibha ngibha hawn u inti jehtieg li tahbiha.

QUASI Hawn fuq???

FIBUS Iva... hawnhekk hu l-uniku post li Frollo qatt ma jissuspetta fih.

QUASI Kollox sew.

FIBUS Issa se nhallik... ghax hemm barra hemm taqlib shih. Is-suldati qed iharbtu l-belt kolha biex isibu 'l Esmerlada. Sahha.

QUASI Sahha.

***FIBUS jitlaq.***

HUGO Issa x’se naghmlu?

VICTOR Immorru nfittxuha ahna wkoll!

LAVERNE Imma kemm int stupidu!  Ma tafx li ahna ma nistghux nitbieghdu minn hawn...

LAV. & HUGO .... ghax ahna parti mill-bini!

VCTOR Mela x’se naghmlu?!

QUASI Immur infittixha jien!  Hi ssugrat hajjitha ghalija.  Issa nissograha jiena.

HUGO U jekk jigi Frollo u ma jsibekx?

QUASI Frollo!  Dejjem Frollo.

***Titfacca ESMERALDA***

ESMERALDA Skuzani... qed intellfek?

QUASI X’gara?  Min hemm?

ESMERALDA Jiena... Esmeralda!

QUASI Esmeralda.  Kont.... kont... qed insemmik... qed nahseb fik.

ESMERALDA Jien ukoll. Gejt apposta biex nitolbok skuza ta' dak kollu li nqala'

QUASI Le, le.. x'inti tghid? Jien ghandi ghax nitolbok skuza. Li gara kien kollu tort tieghi. Imma issa hallina minn dan. Int tinsab fil-periklu. Jehtieg li tibqa' hawn fuq. Taf li s-suldati ta' Frollo qed ifittxuk.

ESMERALDA Iva naf....

QUASI Ftit ilu gie l-Kaptan Fibus ifittxek.

ESMERALDA Gie hawn biex jarrestani?

QUASI Le, mhux biex jarrestak, imma kien qed ifittxek biex jehilsek minn taht idejn Frollo... ghax hawn fuq zgur ma jsibek hadd.

ESMERALDA X'inhu? Il-Kaptan tas-suldati jrid jipprotegini?!

QUASI Hekk hu. Il-Kaptan xejn mhu bhalhom. Qalbu tajba. Is-suldati qed iharbtu l-belt kollha jfittxuk, imma l-kaptan mhux jikkopera taghhom.

ESMERALDA *(bil-hlewwa)* Il-Kaptan Fibus?? *(wara ftit tibdel it-ton u tithasseb)* U n-nies tal-Belt kollha jbatu minhabba fija. Ahna z-zingari dejjem ingorru l-htija ta' dak kollu li jigri. Hadd ma jhenn ghalina. Donnu nsiena kulhadd. Il-Mulej biss irid ikun ghalina.

## Kanzunetta - 4

### Henn ghall-imsejkna

*(Outcasts)*

ESMERALDA
Jien ma nafx intix tismaghni,
U tilmah dan l-imrar,
Lanqas naf jekk qattx jinstema'
It-talb taghna l-fqar;
Naf biss li jien tfajla msejkna,
U niesi msejkna lkoll,
Izda harstek donnha tghidli
Li int kont imsejkna wkoll.

Henn ghall-imsejkna
Foqra f'kull zmien,
Tihom il-farag
Li ma jsibu mkien.
Henn ghal dawn niesi
Ghax hadd m'ghenhom qatt,
Kif tghinhom inti
Zgur ma jghinhom hadd.

KOR
Aghtini r-rizq,
Kull sahha w flus,
Aghtini l-fama ta' bniedem famuz;
L-imhabba wkoll, nixtieq kull hin
U nitlob 'l Alla u 'l-angli jberkuni.

ESMERALDA Jien xejn ma nitlob

Drajt nghix bla gid,

Imma hawn hafna

Aghar minni mhux ftit.

Henn ghal dawn niesi

Li twarrbu ghalxej'

Zgur li lkoll ahna

Ulied il-Mulej.

Henn ghall-imsejkna

Wlied il-Mulej.

________________________

QUASI Tibzax Esmeralda. Issa ibqa' hawn fuq sa ma jghaddi dal-genn kollu. Hawn hadd mhu se jmissek. Sidi dejjem jghidli li hemm barra hlief dnub u kefrija mhemmx....

ESMERALDA U inti temmnu!

QUASI Iva... ikolli nemmnu. Ara x'gara meta fettilli ninzel fil-pjazza u nithallat man-nies. Sidi dejjm ghandu ragun... anki meta jghidli li jien...

ESMERALDA X'jghidlek li int sidek...?

QUASI ... li jien mostru!

ESMERALDA Eh iva? Hekk jghidlek? U x'jghidlek aktar sidek dwarna z-zingari?

QUASI Heqq... ma tantx intom ghal qalbu. Jghid li intom nies ta' qattaghni, hallelin, bringanti u shahar.

ESMERALDA Hares lejja. Jiena zingara. Jidhirlek li jiena halliela u sahhara?

QUASI Le, le... x'inti tghid? Inti l-aktar bniedma li taf thenn u gentili u... ta' gmiel bla qies.

ESMERALDA Allura sidek jinsab zbaljat f'dak li jghid dwarna z-zingari. U tant iehor hu zbaljat dwarek. Quasimodo, f'ghajnejn Frollo jien u inti t-tnejn mostri. Imma min dejjem jara l-mostri x'aktarx ikun qieghed ihares fil-mera!

---

## *XENA 6*

## Fid-dar ta' Frollo

***FROLLO wahdu***.

## Kanzunetta - 5

**Nar Jikwi...**

*(Hellfire)*

KOR Confiteor Deo Omnipotenti

Beatae Mariae semper Virgini

Beato Michaeli archangelo

Sanctis apostolis omnibus sanctis

FROLLO Beata Maria

Int taf tajjeb kemm jien nghix sew

U bil-virtu' imkabbar mhux ftit

KOR *Et tibi Pater*

FROLLOW Beata Maria

Int taf li jien wisq aqwa min-nies baxxi w midinbin: min-nies tat-triq.

KOR *Quia peccavi nimis*

FROLLOW Mel' ghidli Maria, ghax naraha qed nizfen hemm,

L-ghala l-harsa taghha 'l ruhi tholl.

KOR *Cogitatione*

FROLLO Inhossha tifnini,

In-nar li jleqq go xagharha twil

Iheggeg u jtellifni kull kontroll.

KOR *Verbo et opere*

FROLLO Nar jikwi - Jivvampja

Inhossni bhal miklub,

Dal-fjammi, qerrieda,

Jigbduni lejn id-dnub.

FROLLO Dan it-tqanqil,

KOR *Mea culpa*

FROLLO Ma gibtux jien,

KOR *Mea culpa*

FROLLO Hi biss iz-zingara

Li kebbset dan-nirien,

KOR *Mea maxima culpa*

FROLLO Jien m'ghandix tort

KOR *Mea culpa*

Lanqas naf min

KOR *Mea culpa*

Lix-xitan ghamlu aktar b'sahhtu mill-bnedmin.

KOR *Mea maxima culpa*

FROLLO Harisni, Maria

Thallix dit-tfajla ggibli t-tmiem,

La thallihiex twassalni sa l-abbiss

Mishut' Esmeralda

Fis waddab lilha fin-nirien...

Inkella rridha dlonk tkun tieghi biss.

***Waqt li tibqa' ghaddejja l-muzika:***

***Jidhol FIBUS***

FIBUS Eccellenza, qaluli li bghatt ghalija.

FROLLO Tajtek is-setgha kollha biex taghmel kull m'hemm bzonn halli tahtaf taht idejk liz-Zingara... u xorta ghadek ma wasalt imkien.

FIBUS Qeghdin infittxu triq triq Eccellenza.  Taf dil-belt daqsiex fiha.

FROLLO Mela issa jehtieg tibdew taharqu d-djar.

FIBUS X'inti tghid Eccellenza??

FROLLO Naf x'jiena nghid.  Morru fil-kwartieri taz-zingari u ibdew aharqulhom djarhom.  Imbaghad tara kif min qed jahbiha jigi jigri jressaqha hawn quddiemna.

FIBUS Eccellenza... jien gejt f'dil-belt bhala Kaptan tas-suldati tieghek biex inzomm l-ordni u mhux biex inwettaq l-ingustizzji.

FROLLO *(mitluf fir-rabja)* Int jehtieg biss tobdi l-ordnijiet tieghi.

FIBUS Imma jien ordnijiet ingusti ma nobdihomx.  Sib lil haddiehor.

***FIBUS jitlaq.***

FROLLO Din insubbordinazzjoni!  Tradiment!  Ghassiesa.

***JIDHLU zewg suldati.***

FROLLO Fittxu morru arrestaw lill-Kaptan Fibus.

SULDAT 1 Lill-kaptan Fibus?

FROLLO Iva... lill-Kaptan Fibus. Minn issa 'l quddiem inti hu f'idejk il-kmand ta' l-armata kollha. U fittxu gibuli quddiemi liz-Zingara. Ibdew aharqulhom djarhom kollha. Morru!

***Tkompli l-Kanzunetta***

FROLLO Nar jikwi - Jivvampja

Ja tfajla se nwissik,

Trid taghzel... jew lili

Inkella n-nar ghalik !

KOR Kyrie Eleison

FROLLO *Henn Mulej ghal ruhha*

KOR Kyrie Eleison

FROLLO *Henn Mulej ghal ruhi*

KOR Kyrie Eleison

FROLLO Jew tkun tieghi biss, jew ghal gon-nar!

---

## *XENA 7*

## Fil-Kampnar

VICTOR Imma nghid jien, dehret tant migbuda lejk, l-ghaliex ma zammejthiex hawn mieghek?

HUGO X'fettillek ghintha tahrab?

QUASI Ma smajtuhiex x'qaltli? Iz-zingari ma jafux jghixu fl-gheluq. Bdiet issewwed qalbha bejn dawn l-erba' hitan. Ma ridtx naraha mdejqa.

LAVERNE *(lil shabu)* Intom ghadkom ma tafux dak kemm ghandu mohhu jilhaqlu. Dak ried jikkuntentaha biex b'hekk jigbidha aktar lejh.

HUGO U jgenninha aktar ghal warajh.

VICTOR Ja brikkun li int!

QUASI U ma tarawx... tfajla helwa bhal dik, ma jonqosha xejn, se tiehu grazzja ma kruha bhali! Mela ma tafux x'intom tghidu.

HUGO Hallik mill-kruha... ma rajthiex kemm kellmitek bil-hlewwa.

LAVERNE U l-gentilezza.

VICTOR U ghajnejha kif bdew iteptpu u jleqqu.

LAVERNE Dik tfajla intelligenti u taf tapprezza dak li jkun hemm 'il gewwa... fil-fond tal-qalb.

HUGO Taf li inti zaghzugh specjali.

# Kanzunetta - 6

### Bhalek M'hawnx

*(A Guy Like You)*

Illum Parigi qed theggeg u tkebbes bl-imhabba

Ghax din il-belt hija l-post fejn l-imhabba ssir nar,

X'imkien hemm qalb tahseb fik,

Tixghel u theggeg ghalik,

U jien naf l-ghaliex qed thoss dal-ferh bla qies.

Ghax bhalek m'hawnx

Int zgur specjali,

Ghax bhalek le,

Mhux se ssib iehor meta trid;

Harstek tassew

Eccezjonali,

U bhalek xejn;

M'hemmx tnejn

Imkien.

Il-guvinur

Li kellha dari,

Kemm kienu jidhru lkoll l-istess minn kulimkien,

Int mintix hekk,

Ghax inti rari,

Spettaklu shih

Int taf toffrih,

Ghax bhalek m’hawnx.

Le bhalek m’hawnx

Ghax int kapaci

Thalli mpressjoni fuq dawk kollha li jilmhuk,

Ghax wiccek zgur

Kulhadd jiftakru

Tkun effettiv

Int biss

Taf kif!

Issib kemm trid

Nies ta’ statura,

Li tixba’ minnhom u jdejquk fi ftit tal-hin,

Imm’int mhux hekk,

Int avventura!

Thobbok tassew

Ghax hi taf sew

Li bhalek m’hawnx.

Jiena romantiku zzejjed ’mma nhoss qalbi tghidli

Li daqt titfacca quddiemek b’ghajnejha f’ghajnejk.

Ghax...

Zaghzugh tal-genn

Mhux se ssib iehor,

Li tinnotah

Minn mil 'l boghod

Hekk kif tarah!

Doqq, fittex doqq

Il-qniepen kollha,

Ghax int sibt xortik

Daqt taraha gejj’ghalik;

Hija ndunat fil-hin

L’int tiswa’ daqs ghoxrin...

Int bhalek m’hawnx, le bhalek m’hawnx..

Le, le, le, le, le m’hawnx!

---

## *XENA 8*

### Fl-istess Post (Fil-Kampnar)

***Titfacca ESMERALDA***

QUASI Esmeralda... x’fettillek ergajt gejt 'l hawn? Ma tafx is-suldati kif inhuma mferrxin ma’ kullimkien.

ESMERALDA Quasimodo... rega' ghandi bzonn l-ghajnuna tieghek. Naf li lilek biss nista' nafda.

QUASI X'inqala'... ghidli fiex nista' naqdik. Inti taf li ghalik naghmel kollox.

ESMERALDA *(thares lejn il-bieb mnejn dahlet)* Gibtlek habib taghna biex tahbih u tiehu hsiebu.

***Zewg Zingari jidhlu jgorru lil FIBUS ferut***

QUASI Il-Kaptan Fibus? Xi gralu?

ESMERALDA Milli stajt nifhem kellu xi jghid ma' l-imhallef Frollo u dan baghat lis-suldati beix jarrestaw. Dawn grew warajh u laqtuh bi vlegga. Il-Kaptan waqa' minn fuq iz-ziemel u baqa' niezel fix-xmara. Is-suldati hasbuh li ghereq, imma jien u shabi salvajnieh. Ghandu bzonn hafna ghajnuna.

QUASI Esmeralda, tista' sserrah rasek. Niehu hsiebu jien. *(liz-zingari l-ohra)* Morru.. halluh f'idejja. Intom oqoghdu attenti mnejn tghaddu. Li kont minnkom ma nersaqx lejn il-pontijiet tax-xmara ghax dawk kollha mghassin sewwa u jekk is-suldati jilmhukom jarrestawkom zgur.

ZINGARI Grazzi ta' kollox. Sahha.

***ZINGARI jitilqu. Waqt li QUASI jkun qed ikellem liz-Zingari, Esmeralda tmur tinxtehet hdejn Fibus u tmellislu rasu.***

ESMERALDA *(lil Fibus)* Ghaziz tieghi... ahfirli. Kont jien li gibtek f'dan l-inkwiet kollu. Imma mhux ghax ridt. Habbejtek sa mill-ewwel darba li rajtek.

***QUASIMODO josserva kollox b'qalbu maqsuma.***

ESMERALDA Quasimodo... inti l-akbar habib li ghandi. Hudli hsiebu, nitolbok, sa ma jfiq u jerga' lura ghandi qawwi u shih.

QUASI Serrah rasek, Esmeralda... jien irrid narak dejjem kuntenta!

ESMERALDA Ma nafx meta nerga' narak. Ha... *(taqla' l-pendent minn ghonqha)* zomm dan fuqek u jekk ikollok bzonni, dan il-pendent iwasslek fil-mohba taghna z-zingari: "Il-Qorti tal-Mirakli!" Meta l-kaptan jigi f'sensih ghidlu... ghidlu li hsiebi dejjem fih.

QUASI Kollox sew. Nghidlu.

ESMERALDA Issa se jkolli nhallik. Sahha ghaziz habib... u grazzi minn qiegh qalbi.

QUASI Sahha!

***ESMERALDA titlaq. QUASIMODO jahbi lil FIBUS.***

---------------------------------------------------------------------------------------------

## *XENA 9*

### Fl-istess Post (Fil-Kampnar)

***Wara ftit jitfacca FROLLO***

FROLLO *(bil-hlewwa)* Quasimodo... hadt hsiebek...

QUASI *(mifxul)* Hmmm... iva, iva.... fiex nista' nservik, ja sidi... ghaddi.

FROLLO Mintix se tlestili siggu biex inpoggi mal-mejda u niehdu xi haga flimkien?

QUASI Dazgur, dazgur... poggi, poggi. Ha nnewwillek tazza. Ghad fadalli nofs flixkun minn dak l-inbid li thobb int.

FROLLO Xi gralek? Tidher mifxul. Donnok ghandek xi haga qed tinkwetak! Forsi l-kuxjenza...

QUASI Jien? Mifxul? Le, le.. lanqas xejn...

FROLLO Quasi.. ma naghmlux mod li qed tahbi xi haga minni, hux...?

QUASI Nahbi, ja sidi? Jien x'qatt nista' nahbi minnek?

FROLLO *(iqum b'rabja)* Tahbi l-pjani qarrieqa ta' qalbek. Ghint liz-zingara tahrab. Hux tassew? Tajtha kenn hawn, fil-knisja, biex minghalik ma jkollix setgha fuqha. Imma int, daqsxejn ta' midneb, kif qatt tista' tlahhaq mieghi? X'gara? Donni qed narak issir aktar nervuz? X'inti tahbili aktar?

QUASI Xejn.. xejn ja sidi.. mhux ga ghidtlek...?

FROLLO X'ghandek aktar ippjanat biex tkompli tittradixxi lil min refghek mill-miserji kollha tieghek? Tibzax... iz-zingara daqt tpatti ta' dan kollu. Sa fl-ahhar sirt naf fejn hija l-mohba taghhom, il-famuz *QORTI TAL-MIRAKLI* . Ghada mas-sebh bi hsiebni naqbez fuqhom b'elf suldat. Imbaghad iz-zingara tkun taf min hu l-Imhallef Frollo. Il-Qorti tal-Mirakli! Ha-ha... issa naraw liema mirakli li jirnexxilhom isalvawhom!

***FROLLO jitlaq 'l barra.***

---

## ***XENA 10***

### Fl-istess Post (Fil-Kampnar)

***QUASIMODO ma jafx x'se jaqbad jaghmel. Wara ftit FIBUS jibda jitniehed.***

QUASI — Kaptan... kif thossok?

FIBUS — X'gara? Fejn jiena?

QUASI — Mieghi fil-kampnar. Gabitek hawn Esmerlada ma' shabha.

FIBUS — Esmeralda! Fejn hija... qabduha?

QUASI — Le, tinsab fil-mohba taghhom... u qaltlek li, hsiebha fik.

FIBUS — Esmeralda! Ghaliha lest li nsofri kollox!

QUASI — Kaptan, jekk irridu nehilsuha jehtieg li nhaffu. L-imhallef Frollo ghadu kemm qalli li sar jaf fejn hu "Il-Qorti tal-Mirakli", il-mohba taz-zingari u se jattakkahom mas-sebh.

FIBUS — Mela mhemmx zmien x'nitilfu. Jehtieg immorru navzawhom minnufih. Qaltlek fejn hija l-mohba taghhom?

QUASI — Le, ma qaltlux. Imma qabel telqet tatni dan *(jurih il-pendent)* u qaltli li jekk ikollna bzonnha, dan iwassalna ghandha.

FIBUS — Ha narah. *(idawru f'idu)* Ma nistax nifhem x'riedet tfisser meta qaltlek hekk. Fuq dal-pendent m'hawn xejn miktub. Dawn id-disinji ta' fuqu ma jaghmlux sens.

ESMERALDA — Imma ma nahsibx li tathuli ghal xejn. *(jerga' jiehu l-pendent f'idu)* Qaltli biss: "jekk ikollok bzonni dan iwasslek fil-mohbi taz-zingari." STENNA FTIT! Ara dawn il-hafna hjut donnhom mappa ta' parti mill-belt. Hares *(Jersaq jittawwal mit-twieqi tal-kampnar)* minn hawn fuq il-belt tidher l-istess bhad-dinsinji tal-pendent. Mela dan is-salib ifisser il-katidral ta' Notre Dame. Allura din il-marka l-ohra bil-fors li hija l-Qorti tal-Mirakli.

FIBUS — Nahseb li ghandek ragun. X'irid ikun. Nippruvaw. Tlaqna.

QUASI — Inti ma tiflahx tistrapazza ruhek. Immur wahdi.

FIBUS — Issa mhux il-waqt li naghti kas ta' sahhti. Ghal Esmeralda naghmel kollox.

QUASI — U jiena wkoll. Mela tlaqna.

---

## *XENA 11*

## Fil-Mohba taz-Zingari

***Ma' l-art jista' jkun hemm iz-zingari kobba fuq xulxin kull wiehed minnhom mghotti bi drapp iswed b'tali mod li ma jingharfux x'inhuma. Dawl baxx.***

***Jidhlu QUASIMODO u FIBUS***

QUASI — Skond il-pendent din hija l-mohba taghhom.

FIBUS Hekk suppost... imma ma nistax nifhem kif il-post huwa battal ghal kollox.

QUASI Iz-zingari ghandhom habta jsibu l-aktar postijiet strambi li hadd qatt ma jissuspetta fihom.

FIBUS Kont ili nismaghhom isemmu l-famuz "Qorti tal-Mirakli". Imma ma nafx x'inhuma dal-mirakli... go post daqshekk sieket!

***IZ-ZINGARI jmqumu mill-art b'ghajta kbira. Jahtfu lil QUASIMODO u lil FIBUS u minnufih jorbtulhom halqhom u jdejhom. Maghhom ikun hemm KLOPEN.***

KLOPEN Ahh... dan huwa tassew unur kbir ghalina li rcevejna din iz-zjara minn zewg mistednin hekk distinti.

ZINGAR-1 Zewg spiji!

ZINGAR-2 Hbieb ta' Frollo.

KLOPEN Dazgur... xejn inqas mill-Kaptan tas-suldati u l-daqqaq tal-qniepen.

ZINGARI Mewt! Mewt!

KLOPEN Stennew hbieb. Mhux hekk. Dan huwa l-Qorti tal-Mirakli u fil-qorti l-affarijet iridu jimxu bil-precedura kollha.

## Kanzunetta - 7

### Il-Qorti tal-Mirakli

*(Court of Miracles)*

KLOPEN Forsi smajtuhom isemmu dal-post
fejn l-aghar nies ta' Parigi jiltaqghu flimkien,
Dan huwa l-Qorti tant Mirakoluz
li kull nitfa problema jwassalha sat-tmiem!

KOR Fejn kif jghid il-qawl:
L-ghomja jiksbu d-dawl,
'Mma l-mejtin siktin,
Ghalhekk intom zgur qatt
Mhu se tpacpcu ma' hadd!

KLOPEN Ghandna sistema tassew efficjenti
Kif spiji w seksieka naqbduhom malaj',
Go dan il-Qorti, dal-post tal-miraklu
Miraklu biss trid sabiex johorgok haj!

***Waqt li l-muzika tibqa' ghaddejja:***

KLOPEN Zgur li hadd ma jista' jixlina li ahna ma nafux l-affarijiet kif imorru.

***DAHK miz-Zingari***

KLOPEN Jekk Frollo huwa Mhallef , ahna mhallfin daqsu u efficjenti bil-wisq aqwa minnu ghax is-sentenzi taqtghuhom malajr.

***Aktar dahk***.

***Tkompli l-Kanzunetta***:

KLOPEN Il-Haqq maghmluha bhal lehha ta' berqa

Ghax jien l-avukat u l-imhallef f'dal-post,

Naghmlu bil-heffa l-inkjesta w  il-guri

Ghax hija s-sentenza li 'ttina mitt gost!

***Waqt li l-muzika tibqa' ghaddejja:***

KLOPEN Tixtiequ tghidu xi kelma ta' l-ahhar?

***QUASIMODO u FIBUS igedwdu minn wara l-maktur li jkollhom ma' halqhom...***

KLOPEN Kollha l-istess haga jghidu.

***Tkompli l-Kanuznetta:***

Issa li gbarna ix-xhieda mehtiega---

Sibniekom vera ’nnocenti

U dan huwa tassew l-aghar delitt

KOR + KLOPEN Ghalhekk intom ghall-mewt!

---

***Titfacca ESMERALDA***

ESMERALDA Ieqfu!

KLOPEN Esmeralda! Gejt fil-waqt biex tassisti ghall-esekuzzjoni ta’ dawn iz-zewg spiji distinti.

ESMERALDA Fittxu holluhom minn hemm. Dawk huma zewgt ihbieb kbar tieghi... u taghkom ilkoll. *(tersaq tigri tholl lil Fibus)*

KLOPEN Imma dawk hbieb ta’ Frollo. Dak id-daqqaq tal-qniepen u l-iehor il-kaptan tas-suldati!

FIBUS M’ghadnix aktar. *(lil Esmeralda)* Ghaziza tieghi... hajjitkom ilkoll tinsab fil-periklu.

QUASI Jehtieg li nhaffu. Sirna nafu li Frollo sab fejn huwa dan il-post sigriet taghkom. U mas-sebh se jattakkakom bis-suldati tieghu.

FIBUS Gejna apposta biex navzawkom. M’hemmx zmien x’nitilfu... jehtieg li meta jasal Frollo bin-nies tieghu il-post isibu battal.

---

## *XENA 12*

### Fl-Istess Post (il-Mohba taz-Zingari)

***JIDHOL FROLLO bis-suldati li minnufih jaqbzu fuq iz-Zingari u jdawruhom... l-aktar fuq ESMERALDA, FIBUS u QUASIMODO***

FROLLO Imma l-post ma sibtux battal. *(lil Quasimodo)* Qed tara kif sewwa ghidlek li int ma tista' qatt tlahhaq mieghi. Ghalija kienet haga tassew facli li nsib il-famuza mohba taz-Zingari: insegwi bil-mohbi l-passi taghkom it-tnejn... u intom, bla ma tafu wassaltuni fejn xtaqt. Ta' dan nirringrazzjakom minn qalbi.

ESMERALDA *(lil Frollo)* U tahseb li b'daqshekk irbaht inti?

FROLLO *(jersaq lejha.. minn taht l-ilsien)* Mela min rebah, sbejha? Inti issa taht idejja.

ESMERALDA Imma xorta qatt ma jiena se nkun tieghek. Qatt!

FROLLO *(b'lehen gholi)* Kaxkruhom ilkoll ghall-forka!

---

## *XENA 13*

### Fil-Pjazza tal-Belt

***MUZIKA***

***Is-Suldati dehlin biz-Zingari arrestati. Fuq quddiem nett ESMERALDA, FIBUS u QUASIMODO. Il-platforms jigu rrangati "in vision" biex jiffurmaw il-forka. Jingiebu l-injamiet twal li maghhom se jintrabtu ESMERALDA, FIBUS u QUASIMODO u l-qatet taz-zkuk.***

FROLLO Cittadini hielsa ta' Parigi... illum din il-belt se titnaddaf darba ghal dejjem mill-ghajb li ilu fuqha s-snin. Bid-dehen u l-ghaqal taghna irnexxielna nsibu l-mohba ta' dawn il-briganti u rresquhom ilkoll quddiem il-haqq.

FIBUS X'haqq hu dan tieghek, li tipprova tishaq lill-batut!?

FROLLO L-akbar haqq se jsir mieghek... int li hlift servizz u fedelta' lejn l-istat u minflok ittradejtu.

FIBUS *(dispjacut)* Jien... jien jista' jkun li haqqni l-kastig... imma dawk *(jirreferi ghal Esmeralda u Quasimodo)* dawk xi htija ghamlu?

FROLLO *(jersaq kollu velenu lejn Esmerlada)* Jahasra... tassew... xi htija ghandha.. tfajla sabiha, tbaqbaq bil-hajja? *(jghidilha f'widnitha)* Zingara, dan huwa l-ahhar cans tieghek... jekk taghzel lili nehilsek issa stess. Inkella n-nirien.

ESMERALDA Nippreferi n-nirien ta' din il-hajja. Ghalik hemm in-nirien eterni ta' hajja ohra.

FROLLO *(b'lehen gholi)* Suldati... lestu l-huggiega!

QUASI *(b'ghajta kbira waqt li jissielet mal-hbula)* Leeeee! Ma jistax ikun li nhallu l-Hazen isaltan rebbieh b'dan il-mod. Il-Mulej maghna u Hu jaghtina s-sahha li jehtiegu. *(jehles mil-hbula u jigri jsalva lil FIBUS).*

FIBUS Zingari u nies ta' Parigi ejjew ha qumu kontra l-Bibien ta' l-Infern.

***Glieda!***

***Il-folla tinxtehet fuq is-suldati u tkaxkarhom 'il barra.***

***Il-palk jitbattal. Jibqa' biss QUASIMODO hdejn ESMERALDA li tinsab mitlufa minn sensiha.***

***Waqt li QUASIMODO jkun hdejha (u jghid dan li gej) jidhol inkiss inkiss FROLLO li jibqa' sejjer warajh bi stallett f'idu bla ma hadd minnhom jintebah***.

QUASI Esmeralda... xi gralek? Tibzax, issa l-gwaj kwazi ghadda kollu. Qum fuq tieghek... isa, qum ha nohduk 'il boghod minn dan il-genn kollu.

***ESMERALDA tistejqer***

ESMERALDA Quasimodo... x'inhu jigri? Fejn huwa Fibus? Rega' waqa' taht idejn Frollo?

***Minnufih ESMERALDA tintebah bi FROLLO, li jkun gholla l-istellett biex joqtolha. QUASIMODU jdur b'salt u jahtaf driegh FROLLO.***

***Taqtigha bejn QUASIMODO u FROLLO.***

***Jidhlu 'l gewwa waqt li ghadhom jissaraw.***

***Min-naha l-ohra jidhol FIBUS maz-Zingari li jibqa' sejjer dritt lejn ESMERALDA***

FIBUS Ghaziza tieghi... il-belt taht idejna.

ESMERALDA Frollo.... Frollo se joqtol lil Quasimodo.

FIBUS X'inhu? Fejn? Fit-taqhbila ma rajtux aktar.

ESMERALDA Rajtu jkaxkru 'l dik in-naha. Fittxu morru araw x'inhu jigri.

***Jidhol QUASIMODO bl-istallett ta' FROLLO f'idu*.**

QUASI Issa nistghu nghidu li ninsabu hielsa tassew.

***Ghajat u capcip mill-folla. QUASIMODO jsib ruhu bejn ESMERALDA u FIBUS*.**

FIBUS Inti tabilhaqq l-eroj taghna. Li ma kontx inti ghalina ma nafx bhal issa fejn ninsabu.

ESMERALDA Mhux biss l-eroj taghna... imma l-habib li fuqu stajna nserrhu u nafdaw.

QUASI *(ihares lejhom bil-hlewwa, imma b'qalbu maqsuma. Johdilhom idejhom f'idejh u jghaqqadhomlhom)* U intom l-eghzez hbieb tieghi... u rrid narakom it-tnejn kuntenti.

***Il-folla ccapcap waqt li ESMERALDA u FIBUS jitghannqu u jitbewsu.***

***QUASIMODO b'rasu mghaddsa jibda miexi bil-mod lejn il-genb. Izda tifla zghira tohrog minn qalb il-folla, taqdbu minn idu u tressqu ghan-nofs.***

TIFLA 1 Grazzi habib, bis-sahha tieghek nistghu nibdew hajja gdida!

***Ghajat u capcip. (Jistghu forsi jerfghuh).***

# Kanzunetta - 8

### Il-Qniepen ta' Notre-Dame

*(Reprise)*

KOR Hawn dal-misteru jekk tistghu ssolvuh!

Jghidu l-qniepen f'Notre Dame,

Jekk dan hux mostru jew bniedem tassew?

KOR II *Jghi-du l-qniepen, qniepen, qniepen,*

*qniepen, qniepen, qniepen....*

KLOPEN Iftakru f'habibna

Li ghex dejjem qribna

U maghna kien dejjem ferhan,

KOR + KLOPEN Jghidu l-qniepen f'Notre-Dame!

----------------------------------

# Tmiem

-----------------------------------